# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 343/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Jimmy Paul Saliba**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, Jimmy Paul Saliba, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 355794(M) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) bħala Qorti Istruttorja tall nhar 10 ta' Lulju 2017 bejn 8.00a.m. u 9.00a.m fi Fontana Għawdex f'dawn il-Gżejjer:

1. Bla ħsieb li jisraq iżda biss biex jeżerċita xi jedd li jippretenda li għandu huwa personalment flimkien ma' terzi persuni fixkel lill-Kunsill Lokali Fontana fil-pussess tal-ħwejjeġ tal-istess Kunsill u dan billi mar fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali Fontana fl-indirizz 'Multi purpose room', L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq ta' Mulejja Fontana, Għawdex u minn hemm qabad u ħa miegħu żewġ kompjuters u external hard drive waħda mill-uffiċini tal-istess Kunsill u dan mingħajr il-kunsens jew approvazzjoni tar-rappreżentanti tal-Kunsill Lokali Fontana u dan bi ksur tal-artikolu 85(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

U aktar talli nhar 10 ta' Lulju 2017 bejn 8.00a.m u 11.30a.m ġewwa Żebbuġ Għawdex u jew fi dawn il-Gżejjer:

2. Mingħajr ma' kien awtorizzat minn Kunsill Lokali , bl-intervent tiegħu fuq iż-żewġ kompjuters u l-external hardward drive ipprevena jew ostakola l-funzjonament jew it-tħaddim tas-sistema tal-kompjuters tal-Kunsill Lokali Fontana bi ksur tal-artikolu 337C (1) (e) tal-Kapitlu 9.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġewwa Żebbuġ Għawdex u /jew fi dawn il-Gżejjer, mingħajr ma ngħata l-ebda awtorizazzjoni mir-rappreżentanti tal-Kunsill Lokali Fontana li jimmodifika tagħmir jew provvisti ta' żewġ computers u external hardware drive li jintużaw jew li huma maħsubin li jintużaw fil-computer network tal-Kunsill kif wkoll ħa l-pussess ta' jew ħsarat jew qered żewġ sistemi ta' computers u external hardware drive li jintużaw jew li huma maħsubin li jintużaw fil-computer network tal-Kunsill Lokali Fontana jew ħassar it-

tħaddim ta' xi wieħed minnhom u dan bi ksur tal-artikoli 337D(a) u 337D (b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel ħsara f' xi funzjoni jew attivita' tal-Gvern, jew tellef, għarraq jew interrompa b'xi mod l-għoti ta` xi serviczz jew utilita' pubblika, kemm jekk dak is-servizz jew dik l-utilita' jkunu provduti jew imħaddma minn xi entita' tal-Gvern u cioe l-Kunsill Lokali Fontana u kif wkoll ikkawża ħsarat serja għall-operat tal-Kunsill Lokali u dan bi ksur tal-artikoli 337F(2)(a)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li biha baghat lill-appellant sabiex ikun gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal dak li hemm mahseb fl-artikoli 85(1), 337C(1)(e), 337D(a) u 337D(b), 337F(1) u 337F(2), 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kaptiolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat id-dikjarazzjoni tal-imputat kif espressa fl-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2018 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz kontra tieghu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tas-17 ta' Lulju , 2018, li biha ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u minnhom illiberatu, izda sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghall-multa ta' ħames ewro (€5). Il-Qorti, inoltre, ordnat li kopja tas-sentenza bl-inkartament kollu għandha tgħaddi għand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali biex ikun jista' jitlob lill-Bord tal-Governanza Lokali biex jinvestiga lill-Kunsill Lokali Fontana dwar il-fatti kollha li wasslu biex iseħħ dan il-każ;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Awissu, 2018, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi: 1) **tikkonfermaha** fi-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih mill-Prosekuzzjoni (cioe' tar-reat ikkontemplat taħt l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali) u **tħassarha u tirrevokaha** f'dik il-parti tal-piena erogata fir-rigward ta' din l-istess imputazzjoni, billi minflok il-piena nflitta tinfliġġi piena idoneja u ġusta skont il-liġi; 2) **u Tħassarha u tirrevokaha** f''dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mit-tieni imputazzjoni (tar-reat ikkontemplat taħt l-artikolu 337C (1) (e) tal-Kodiċi Kriminali), mit-tielet imputazzjoni (tar-reati kkontemplati taħt is-sub-inċiżi 337D (a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali) u mir-raba' imputazzjoni (tar-reati kkontemplati taħt is-sub-inċiżi 337F (2) (a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali), u **minflok** tgħaddi biex issib ħtija u tinfliġġi piena skond il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-Avukat Generali jillanja s-sentenza appellata b'aggravju wiehed dwar il-piena erogata fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u diversi aggravji dwar l-imputazzjonijiet l-ohra li ser ikunu trattati *seriatim*;

2. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma maggorment marbuta mal-eghmel principali tal-appellat li tieghu instab hati u ma rregistra ebda appell dwaru, igifier dak ta' *raggion fattasi* li, izda, esponieh direttament ghal-reati ugwalment, jekk mhux aktar, serji bhala konsegwenza. Issegwi ghalhekk rassenja tal-fatti;

3. L-appellat kien mitlub jaghmel xi xoghol ta' riparazzjoni f'computer tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, Ghawdex. Huwa kien intalab jaghmel dan mis-Segretarja Ezekuttiva tal-Kunsill b'mod spedjenti ghaliex din il-hsara holqot certu urgenza. Wara ezami tal-apparat fil-workshop tieghu, l-appellat forna lis-Segretarja Ezekuttiva bi tlett stimi u wara konferma ta' wahda minnhom l-appellat ghamel ix-xoghol rikjest u peress illi kien hemm il-biza minn naha tas-Segretarja li kienet tilfet id-*data* kollha ghaliex ma kienx hemm il-kapacita mehtiega biex tkun mahzuna tali data, l-appellat kien issugerixxa u, b'approvazzjoni taghha, ssuplixxa ukoll *external hard drive* ghal dan il-ghan;

4. Wara tmien xhur li ma sema xejn dwar il-hlas minnu pretiz skond fattura mibghuta lill-Kunsill, kif ukoll wara li s-Segretarja Ezekuttiva ma baqghetx tokkupa kariga f'dak il-kunsill, l-appellat indaga biex jara ghaliex kien ghadu ma thallasx u kien dirett biex jikkomunika mas-Sindiku. Dan tal-ahhar wiegbu biss li ma kienx ser jithallas ta' dak ix-xoghol u ghalhekk rrikorra ghall-assistenza ta' avukat li bdiet tikkorrispondi mal-Kunsill li minn naha tieghu wiegeb permezz tal-avukat li ma kienx ser isir il-hlas ghaliex ix-xoghol ma kienx awtorizzat preventivament mill-Kunsill;

5. Wara sena u nofs li rrenda dan is-servizz u ssuplixxa *parts* biex isewwi dan il-computer, l-appellat iltaqa' mas-Sindku u infurmah li kienu ser ituh il-*parts* lura. L-appellat rrintracca

din id-decizzjoni fil-minuti tal-Kunsill *online* wara li ghaddew erba gimghat li fihom ma sema xejn, acceda fil-bini tal-kunsill u minn hemm ha l-computer li kien sewwa u l-external hard drive u peress illi ma setghax jiftakar liema kien l-apparat li kien sewwa, ha ukoll computer iehor. Dawn hadhom fil-workshop tieghu fejn beda jzarma l-parts u jaghmel kopja tad-*data* fuq DVD's biex jghaddiha lill-Kunsill halli ma tintilifix dik l-istess data. Il-Pulizija minnufih accedew ghand l-appellant u ordnawlu iqieghed kollox f'postu sabiex l-apparat jittiehed ghand is-sezzjoni forensika biex ikun stabilit jekk kienx hemm xi manipulazzjoni tad-data minn fuq dan l-apparat. Konsegwenza ta' dan, Il-Kunsill ma kellux biex jahdem u ghaddew hafna zmien minghajr ma jista' jaghti s-servizzi tieghu;

6. Minn dawn il-fatti l-appellat instab hati biss talli ezercita dritt minnu pretiz b'manijiera kontra l-ligi u dan kif ravvizat fl-artikolu 85(1) tal-Kodici Kriminali u kien ikkundannat ghal hlas ta' multa ta' hames euro. Dwar dan, l-Avukat Generali ressaq bhala gravam l-argument illi din il-piena mhix fil-parametri tal-ligi. L-Avukat Generali muhiex qed jitlob piena akbar izda biss li l-piena tkun tirrientra f'dak li jipprovdi l-artikolu 85(1). L-Avukat Generali ghandu ragun dwar dan. Ghalkemm ksur ta' dan l-artikolu jipprospetta piena ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur u fid-diskrezzjoni taghha l-Qorti tista', minflok, timponi il-piena tal-multa, l-artikolu11(1) tal-Kap 9 johloq il-parametri tal-multa fejn mhux mod iehor dispost. Dan l-artikolu jipprovdi li fejn il-ligi ma tghidx espressaemnt xort'ohra, l-massimu tal- multa huwa €1,164.69 Euro u l-minimu huwa €23.29. L-ewwel Qorti ma indikatax li kienet qed tinzel taht il-minimu bis-sahha tal-artikolu 21 u ghalhekk ma setghet qatt teroga dik il-piena tal-multa taht dak provdut fl-artikolu 11(1);

7. Issa huwa evidenti illi l-ewwel Qorti riedet timponi l-inqas piena possibbli dwar l-infrazzjoni ta' dan l-artikolu u la darba l-Avukat Generali ma talabx ghal-piena akbar din il-Qorti mhix ser tinoltra f'kunsiderazzjonijiet ulterjuri in rigward. L-erogazzjoni tal-piena izda ser jithalla ghall-parti ahharija ta' dan l-appell wara li jsiru konsiderazzjonijiet dwar l-aggravji l-ohra. F'dan l-istadju huwa sufficjenti li jkun deciz li dan l-aggravju qed ikun akkolt;

8. Fit-tieni aggravju tieghu, l-Avukat Generali jilmenta illi l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda konsiderazzjoni dwar it-tieni imputazzjoni ravvizata fl-artikolu 337C(1)(e) tal-Kap 9 meta lliberat lill-imputat u minflok għamlet konsiderazzjonijiet fuq żewġ reati li l-appellat lanqas biss kien imputat bihom li huma mahsuba fis-sub-inċiżi 337C(1)(b) u u dak (1)(f);

9. Jokkorri ghalhekk li l-ewwel ikun mistharreg dak li qed jallega l-Avukat Generali kwantu l-provvediment tal-ligi kolpit bit-tieni imputazzjoni. It-tieni imputazzjoni hija riproduzzjoni tas-subartikolu 337C(1)(e) tal-Kap 9. Issa, fir-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali kien indika dan l-artikolu bhala t-tieni wiehed minn rassenja ta' reati li kellu jwiegeb ghalihom l-imputat. Minn ezami akkurat tas-sentenza appellata huwa evidenti illi din hija wahda dettaljata kwantu r-rassenja tal-fatti kif ukoll kwantu sintensi mid-deposizzjoni ta' kull xhud. Hija ukoll akkademikament ezawrenti kwantu l-introduzzjoni fil-Kodici Kriminali tal-artikoli li jitrattaw l-uzu mhux kif dovut tal-computer fil-Kodici u l-awturi hemm citati. L-ewwel Qorti ghamlet analizi dettaljata ta' uhud mill-artikoli indikati mill-Avukat Generali fir-rinviju tieghu u annalizat l-istess fil-konfront tal-fatti. Madanakollu, ma tirrizulta ebda konsiderazzjoni dwar it-tieni imputazzjoni kif ravvizata fis-subartikolu 337C(1)(e);

10. Dan ma jfissirx illi l-ewwel Qorti ma kkontemplatx dak li jipprovdi dan l-artikolu pero' huwa difficli tghid jekk dan kienx ezaminat bl-istess reqqa li l-ewwel Qorti ddedikat ghar-reati l-ohra. Wara l-ewwel imputazzjoni, il-Qorti ghaddiet biex tezamina dak li jipprovdi l-artikolu 337(C)(b) [recte: 337C(1)(b)] u warajh l-artikolu 337C(f) [recte: 337C(1)(f)]. Dawn izda, ma jindirizzawx r-reat kontemplat fit-tieni imputazzjoni li hu ipotizzat fl-artikolu 337C(1) (e) u indikat mill-Avukat Generali fir-rinviju tieghu li jidher li mexa mal-istess ordni ta' imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat;

11. L-artikolu li l-ewwel Qorti kellha tikkomtempla huwa l-artikolu 337C(1)(e) tal-Kap 9 li jiddisponi li persuna tkun hatja tar-reat jekk minghajr awtorizazzjoni: "tipprevjeni jew tostakola l-funzjonament jew t-thaddim ta' xi sistema ta' *computer, software* jew l-integrita; jew affidabilita' ta' xi *data"*. L-Avukat Generali iressaq l-argument illi l-appellat ma kellu ebda awtorizazzjoni li jmur jieħu l-computers kollha tal-Kunsill Lokali u l-external hard drive u jġorrhom għall-workshop tiegħu. Huwa żarma computer li ma kienx ħadem fuqu għax ma kienx ftakar fuq liema wieħed ħadem. B'hekk is-sistema komputerizzata tal-Kunsill waqfet taħdem ħesrem. Lanqas biss kien hemm zmien bizzejjed għall-Kunsill biex jixtri computer ġdid u jagħmel backup u jkompli jaħdem. La l-appellat instab ħati tal-ewwel imputazzjoni huwa kellu jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni għaliex la fixkel lill-kunsill fil-pussess ta' ħwejġu, konsegwentement huwa ostakola l-funzjonament u t-tħaddim tas-sistema tal-computers tal-Kunsill Lokali, fil-fehma tal-Avukat Generali;

12. Din il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat Generali f'dan l-argument ghaliex l-element formali tar-reat ravvizat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huwa differenti minn dak fl-artikoli 337C

u l-artikoli l-ohra dwar l-uzu hazin tal-computers. Huwa minnu illi fatt jista' jikkostitwixxi reat taht diversi dispopsizzjonijiet tal-ligi, izda sejbien ta' htija f'wiehed minnhon, f'dan il-kaz fl-ewwel imputazzjoni, mhux neccessarjament u awtomatikament ghandha twassal ghal reita' fl-imputazzjonijiet l-ohra;

13. Issa, mill-provi jemergi illi l-appellat kien acceda fil-Kunsill Lokali u minn hemm hareg zewg computers ghaliex skond l-iskrivan, l-appellat qallu li kien gie ghal hwejjgu u meta staqsieh x'qed jaghmel wiegbu li ghandu jmur jara l-minuti tal-Kunsill. Kawza ta' hekk il-Kunsill Lokali spicca minghajr computers. Ma hemm xejn x'jindika li hemm xi *network* u li l-appellett ddizattiva s-sistema bl-agir tieghu ghaliex apparentement s-sistema tal-computers tal-Kunsill hi maghmulha minn dawn iz-zewg computers tant li kellu jinxtara wiehed gdid sabiex il-Kunsill jerga jibda jiffunzjona sakemm tkun rizolta l-problema. Id-deposizzjoni tal-appellant tikkonferma dawn il-fatti u ghalhekk jibqa' biex ikun deciz jekk dik l-azzjoni tirrientrax f'dak ipotizzat fl-artikolu 337C(1)(e) tal-Kap 9;

14. Issa, l-artikolu appena msemmi jaghmel parti minn sensiela ta' reati taht is-Sub Titolu intestat Fuq l-Uzu Mhux Kif dovut tal-*Computer.* Huwa evidenti illi dawn il-provvedimenti, fil-generalita' taghhom, huma intizi sabiex iharsu ossia jippenalizzaw lil kull min jaghmel uzu hazin, ossia mhux awtorizzat ta' computer jew parti minnhom biex iwettaq hsarat f'sistemi ta' computers, serq ta' data u uzu hazin taghha, dhul mhux awtorizzat f'sistemi ta' computers u ohrajn. Dak li l-ligi tippenalizza, izda, huwa r-rizultat u mhux il-mezz;

15. Fi kliem iehor, u b'mod relatat mal-artikolu in disamina, persuna tkun hatja tar-reat jekk bl-agir taghha, toholq dak l-ostakolu ravvizat f'dan l-artikolu. Issa, jekk hux minhabba

introduzzjoni illecita jew mhux awtorizzata minn sistema ta' computer iehor barra mill-fond fejn jinsabu l-computers jew jekk mod iehor b'uzu ta' forza fizika ma taghmel ebda differenza. Is-subartikolu in kwistjoni huwa wiesa bizzejjed biex jakkludi ostakolu ta' uzu ta' computer bi tnehhija fizika tieghu minn fuq il-post, dejjem jekk jirrizulta dak l-element formali li trid dik id-disposizzjoni. Il-Kunsill sab ruhu f'sitwazzjoni fejn l-apparat u d-data kollha kienet inaccessibbli kawza tal-estromissjoni mhux awtorizzata tal-apppart mill-imputat;

16. L-Avukat Generali sa certu punt ghandu ragun fl-ilment tieghu ghaliex minkejja li il-Kunsill kien approva it-tehid lura tal-parts li l-appellat kien uza biex sewwa l-computer u dan skond il-minuta a fol 42 tal-atti processwali, dan ma kienx ghadu komunikat lill-imputat u qatt ma inghata l-awtorizazzjoni biex imur fil-Kunsill u jiehu z-zewg computers. Kienu biss il-parts li jappartjenu lill-imputat u la darba mwahhlin fil-computers tal-Kunsill u kontenenti data tal-Kunsill ma setghax jaqbad u jagixxi b'dak il-mod fi kwistjoni fejn komunement isir ftehim dwar kif ser tkun trasferita d-data u hwejjeg ohra la darba l-parts jinhargu mill-computers proprjeta' tal-Kunsill. Dak, izda, gia wiegeb ghalih l-appellat fl-ewwel imputazzjoni li dwarha instab hati;

17. F'dan l-istadju, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-26 ta' Gunju, 2019 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jeanelle Grima fejn kien ritenut hekk:

"Illi hija l-fehma tal-Qorti illi l-ghan tal-legislatur meta haseb biex jissanzjona l-uzu hazin tal-Komputer u ghalhekk illi johloq ir-reat gdid certament kien illi tigi punita dik il-persuna li b'malizja taghmel uzu mhux awtorizzat ta' informazzjoni, *data* jew *software*. Dan ghaliex lil hinn mill-att materjali tar-reat kif elenkat fis-subincizi ghall-artikolu 337C tal-Kodici Kriminali, l-awtur tar-reat necessarjament jenhtieglu li jifformola l-intenzjoni kriminuza, u cioe' irid jkun hemm l-element formali

ukoll abbinat mal-att materjali. Illi fil-fatt is-sub-inciz (2) ghall-artikolu 337C jiddisponi hekk:

> **"Ghall-ghanijiet ta' dan is-Sub-titolu:**
>
> **(a) persuna titqies li tagixxi minghajr awtorizazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata;**
>
> **(b) persuna titqies bhala persuna intitolata jekk il-persuna nnifisha jkollha jedd tikkontrolla l-attivitajiet imfissra fis-subartikolu (1)(a) sa (j) jew fl-artikolu 4(a) u (b) ta' dan is-Sub-titolu"** (il-Qorti tosserva illi dan l-artikolu 4(c) u (b) ma huwiex rifless fil-ligi u allura dubitat ghal liema disposizzjoni tal-ligi l-legislatur qed jaghmel referenza! X'aktarx li qed issir referenza ghall-artikolu 337D.)

Illi allura in-nuqqas ta' awtorizazzjoni li huwa l-element ewlieni li johloq ir-reat irid jkun necessarjament jemani mill-"persuna intitolata" li ikollha is-setgha u l-jedd tikkontrolla l-attivitajiet li telenka l-ligi fl-artikolu 337C"

18. U tazzarda zzid din il-Qorti li din in-nuqqas ta' awtorizazzjoni trid titqies fl-allegat intenzjoni kriminuza tal-uzu hazin bl-ghanijiet kif imsemmija *supra* . In-nuqqas ta' intenzjoni kriminuza f'dan il-kaz hija evidenti u msahha mill-fatt illi l-imputat inghata x'jifhem mis-Sindku li d-decizzjoni tal-Kunsill kieket li kienet u li ghalhekk kien awtorizzat jiehu l-computer sabiex minnu jestrapola l-parts appartenenti lilu. Tant hu hekk illi huwa haseb sabiex jaghmel kopja tad-data minn fuq il-hardrive ghal fuq DVD sabiex jghaddiha lill-Kunsill Lokali bl-iskop li dik id-data ma tinqeridx u b'hekk ikun jista' jhassar id-data minn fuq il-hardrive tieghu;

19. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

20. It-tielet aggravju tal-Avukat Generali huwa dwar it-tielet imputazzjoni li taghmel minn zewg reati, igifieri dawk

ikkontemplati fis-subinċiżi 337D(a) u 337D(b) tal-Kap 9. L-artikolu 377D huwa kompost minn zewg subartikoli kif gej:

> **377D**. Kull persuna li minghajr awtorizazzjoni taghmel xi wiehed minn dawn l-attijiet li gejjin tkun hatja ta' reat kontra dan l-artikolu –
>
> (a) timmodifika taghmir jew provvisti tal-*computer* li jintuzaw jew li huma mahsubin li jintuzaw f'xi *computer*, sistema ta' *computer* jew *computer network*;
>
> (b) tiehu pussess ta', taghmel hsara fi jew teqred xi *computer*, sistema ta' *computer*, *computer network*, jew provvisti ta' *computer* li jintuzaw jew huma mahsubin li jintuzaw f'xi *computer*, sistema ta' *computer* jew *computer network* jew thassar it-thaddim ta' xi wiehed minnhom.

21. Fil-fehma tal-Avukat Generali, persuna tista' tinstab ħatja jekk tagħmel xi att deskritt fis-subinċiżi mingħajr awtorizzazzjoni. Meta l-Pulizija accedew fil-workshop tal-imputat sabu wiehed mill-computers zarmat u talbuh jerga jaghmel kollox kif kien. Il-computer izzarma bil-hsieb li jittiehdu minnu dawk il-parts li kien issuplixxa l-imputat biex isewwih originarjament meta ma kienx jahdem. Dak li ghamel issa l-imputat kienet allura modifika li rrenda l-computer inoperabbli u li certament dan materjalment jikwalifika ghal dik il-modifika li tiddisponi l-ligi. L-istess izda konsiderazzjoni dwar l-aspett formali kwantu it-tieni aggravju, huma ugwalment appllikabbli ghal dan ir-reat u ghalhekk il-qorti tqis illi hemm in-nuqqas tal-mens rea li tirrendi l-att mhux wiehed kriminuz;

22. Kwantu ghar-reat ipottizat fl-artikolu 337D(b) ma hemm ebda dubju li l-imputat ha pussess tal-computers u l-hard drive u sa certu punt ghamel hsara f'wiehed minnhom meta nehha dawk il parts li kellhom ikunu ritornati lilu. Fl-analizi tal-fatti l-ewwel Qorti rragunat illi l-imputat "kellu l-awtorizazzjoni tal-

Kunsill Lokali tat-8 ta' Gunju 2017 sabiex jiehu l-parts li kien provda hu stess lill-Kunsill. Illi in oltre ma jistax jinghad li ma kienx hemm "awtorizazzjoni" sabiex dawn il-computers ikunu fil-pussess tieghu kif jirrizulta mll-minuti tal-laqgha li saret fil-Kunsill fejn jinghad li ll-imputat kellu jiehu lura dawk li pprovda lill-Kunsill fuq talba tas-Segretarju Ezekuttiv. Illi ghalhekk f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-computers kienu ghand l-imputat minghajr awtorizazzjoni fil-veru sens tal-kelma".

23. Din il-Qorti hi tal-fehma illi kwantu radikata minn dan ir-ragunament il-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti hija wahda korretta;

24. Fir-raba' gravami, l-Avukat Ġenerali jilmenta dwar il-liberatorja tal-appellat mir-raba imputazzjoni u jressaq l-argument illi la darba kien misjub hati ta' *raggion fattsi* kellu jsegwi ukoll li jkun misjub hati tar-reat ravvizat fis-subartikolu 337F(2)(a)(b). Frankament din il-Qorti ma tistax tifhem dan l-aggravju ghaliex is-subartikolu citat mill-Avukat Generali muhiex disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar reat izda dwar il-piena u zieda fil-piena meta l-att johloq il-hsara u t-telf hemm ravvizata. Jinghad ukoll illi r-raba imputazzjoni kienet postulata hazin mill-prosekuzzjoni ghar-raguni appena moghtija;

25. Fi kliem iehor, skond l-artikolu 337F, kull min jikser xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dak is-subtitolu jkun hati ta' reat u jehel il-piena hemm indikata. F'kaz fejn bhala konsegwenza tar-reat tirrizulta l-hsara ravvizata fis-subartikolu 2(a) u (b), il-piena tizdied kif hemm indikata. Igifieri, l-prosekuzzjoni kellha tressaq il-prova li saret dik il-hsara u sabiex tkun erogata piena akbar f'kaz li tinsab htija tar-reati addebitati. Issa, stante illi l-aggravji dwar l-uzu hazin tal-computer mhumhiex akkolti, konsiderazzjonijiet ulterjuri

rigward dan l-aggravju ikunu inuti u dan l-aggravju ghalhekk qed ikun ukoll michud;

28. Għal dawn il-motivi, l-Qorti qed **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt li qed tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u ma sabitux hati u lliberatu mit-tieni, t-tielet u r-raba imputazzjoni, **thassaraha** f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal-hlas ta' multa ta' hames euro (€5) u minflok tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn u hamsin euro (€250);

(ft) Giovanni Grixti
Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur